*qgħu minsijin ir-rogħlijiet tiegħu jew il-loqma bħala ħlas għall-ħidma tiegħu.*

*Il-"Għaqda" ħasset li għandha tieħu l-inizjattiva biex dan in-nuqqas jissewwa. Il-lum rajna kemm kienet kbira l-ħtieġa li l-"Għaqda" titqanqal għax il-memorandum tagħna xegħel għaj-dut ma' Malta kollha: il-biċċa l-kbira tal-gazzetti ippubblikaw il-memorandum tal-"Għaqda" u ikkommentaw fuqu, bosta xir-kiet u assoċjazzjonijiet issieħbu mal-fehma tal-"Għaqda". Il-memorandum il-lum qajjem kurjenza pubblika u sar moviment nazzjonali. J'Alla dan il-moviment inissel ftehim għall-ġid tal-kittieba u għall-ġieħ ta' l-Ilsien Malti, għax dan biss hu l-ħsieb tal-"Għaqda" kif tarax mill-memorandum li qegħdin inġibu hawn:—*

*"Il-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" stħarrġet il-qagħda tax-xandir ta' kitba bil-Malti minn fuq ir-Rediffusion u tħoss ruħ-ha fid-dmir li tqiegħed quddiem il-pubbliku dawn il-konklużjo-nijiet :—*

*1. Ħafna xandir bil-Malti, għalkemm isir bil-ħsieb li jagħti pjaċir intellettwali lis-semmiegħa, hu nieqes minn dawk il-kwa-litajiet edukativi u letterarji li wieħed għandu l-jedd jistenna.*

*2. Ir-raġuni ta' dan tidher li hija l-fatt li l-biċċa l-kbira ta' dan ix-xandir qed isir mingħajr ħlas, jew b'xi ħlas żgħir, u mħab-ba f'hekk il-Kumpannija tar-Rediffusion ma tistax tagħti lis-semmiegħa tagħha xandir ta' kwalità tajba li mhux biss jogħġob imma jeduka wkoll.*

*3. Billi x-xandir ta' qari, kitba, taħdit, eċċ., isir mingħajr ħlas, ftit huma dawk il-kittieba tajba li jaċċettaw jitkellmu minn fuq ir-Rediffusion.*

*4. Jiddispjaċina ngħidu li l-Kumpannija tar-Rediffusion għax issib ruħha moqdija bis-servizzi li jagħtu b'xejn xi xan-dara u kittieba mhix tħoss il-ħtieġa li tgħolli l-kwalità tas-ser-vizzi bil-Malti.*

*5. Billi x-xandir bil-Malti mir-Rediffusion jisimgħu kwa-żi l-poplu kollu u l-għadd ta' l-"abbonati" jilħaq l-eluf, il-kwi-stjoni ta' dax-xandir ma tistax titqies aktar bħala ħaġa privata. Wisq nibżgħu li l-effett ta' dak li jinstama' minn fuq ir-Redif-fusion jista' jkun ta' ħsara għall-formazzjoni tal-karattru u l-mentalità tal-poplu, għall-edukazzjoni ta' palat letterarju u arti-stiku, u hekk jinħoloq, u biż-żmien jikber, konflitt bejn ix-xogħol edukattiv magħmul mill-iskejjel u l-effetti anti-edukattivi tas-servizzi bil-Malti mxandra mill-Kumpannija. Insemmu fost ħwejjeġ oħra bħala eżempju l-qari ta' rumanzi melodrammatiċi li l-lum huma mwarrba minn kull min jifhem fil-letteratura.*



*6. Ta' min ifakkar illi l-B.B.C. fl-Ingilterra u kumpanni-jiet oħra f'pajjiżi progressivi qatt ma jinqdew b'xogħol letterarju bla ma jħallsuh kif jixraq. Hi l-fehma tagħna li jekk il-Kumpan-nija tar-Rediffusion timxi bl-istess mod—kif inhu xieraq li tagħ-mel—hi tkun tista' tinqeda mhux biss b'rogħlijiet tajba u ta' fejda iżda li jagħtu pjaċir ukoll; u b'hekk il-Kumpannija tkun qiegħda tagħdi dmirha tassew mas-semmiegħa tagħha."*

---

## LIL MARTI

**(F'EGĦLUQ IL-25 SENA MIŻ-ŻWIEĠ TAGĦNA)**

*Ta'* E. MALLIA

Imqarraq le ma mortx x'ħin jien f'żgħożiti
Għajnejja fuqek xħett, tarraft l-imħabba:
Lilek, li wkoll jien rajt f'għajnejk titrabba
Mill-ħars għażiż u rżin sa minn ċkuniti:

Il-lum li rajt isseħħ ħolmet tfuliti
Mhemmx għalfejn minnek jien inkun imxabba':
Ġiehek żammejt fil-għoli, qatt ma ttabba',
Kabbartli sigra u ħsibt għal żmien xjuħiti.

Il-ferħ, in-niket, l-hena, qsamt int miegħi
U kemm burraxki ġew, ilqajt bis-sabar;
Farraġtni min jaf kemm fid-dwejjaq tiegħi.

Miegħek għammart is-snin fost l-akbar sliema
U hekk nittama nibqgħu sa ġol-qabar:
Nistqarr li qatt u qatt ma ġietni ndiema!

4. IX. 51.